MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2007

Avviz Numru. 338/2007

**Advertasia Services Limited (C 34775)**

**Vs**

**Elton Buhagiar**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-13 ta` April, 2007, fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallasha s-somma ta’ tliet mija u tlettax il-lira (Lm 313), rapprezentanti prezz ta` avvizi li dehru fil-magazine “The Voucher”, liema avvizi saru mis-socjeta` attrici fuq talba tal-konvenut.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta` ittra legali datata 9 ta` Marzu, 2007 u bl-imghaxijiet dekorribbli mid-data tan-notifika ta` din it-talba kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta prezentata mill-konvenut datata 21 ta` Mejju, 2007, fejn ikkontesta t-talba attrici in vista tal-fatt li ghalkemm huwa minnu li l-konvenut kien talab lis-socjeta` attrici tohroglu reklami fuq il-programm televiziv Xarabank u kif ukoll fuq il-magazine “The Voucher”, ir-reklami fuq it-television ma sarux filwaqt li r-reklami fuq il-magazine ma sarux skond il-procedura miftiehma dwar l-approvazzjoni tal-materjal ghal pubblikazzjoni ghal liema nuqqas il-konvenut sofra dan.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici.

Ra u ezamina l-provi prodotti nkluz id-dokumenti ezebiti.

Sema` t-trattazzjoni orali maghmula mill-abbli konsulenti legali tar-rispettivi partijiet.

Ikkunsidra.

Illi kemm mid-dokumenti ezebiti,  (Dok. EB 1 u Dok. EB 2) u kif ukoll mit-trattazzjoni orali maghmula mill-konsulent legali tas-socjeta` attrici ghandu jirrizulta li l-konvenut qed jigi mistenni li jhallas biss tar-reklami li dehru fuq il-magazine “The Voucher” u mhux ghal dawk ordnati fuq it-television peress illi huwa fatt pacifiku li dawn ta` l-ahhar baqghu ma xxandrux.

Illi ghalkemm huwa fatt pacifiku wkoll li r-reklami fuq il-magazine, fil-fatt gew ippubblikati tanti illi gew ezebiti estratti ta` l-istess, il-konvenut qed jilmenta li dawn ma dehrux kif xtaq hu jew ahjar kif talab hu, bl-approvazzjoni tieghu. Mill-banda l-ohra, rapprezentant tas-socjeta` attrici, Doreen Azzopardi xehdet bil-gurament taghha illi wara hafna tibdil fl-art work is-socjeta` attrici avzatu li f’mument minnhom li dak kien ser ikun l-ahhar tibdil peress li l-magazine kien wasal ghal printing u skond hi, l-konvenut wiegeb li kollox sew pero` in kontro ezami hija

twiegeb li l-ghada li ntbaghat il-magazine ghal printing, il-konvenut rega` kkomunika maghhom sabiex ibiddel xi haga ohra fl-art work pero` nformawh li issa kien tard wisq. Kien f'dan il-mument li l-konvenut mal-ewwel avzahom li ma kienx bi hsiebu jhallashom u kien ghalhekk kwindi li s-socjeta` attrici ddecidiet li ma tissoktax bir-reklami televizivi.

Fix-xhieda tieghu, l-konvenut jafferma li r-reklami tieghu marru ghal printing minghajr ma kien hemm l-approvazzjoni tieghu minn qabel skond kif miftiehem. Difatti r-reklami gew ippubblikati bl-izbalji b'kollox. Huwa jaghti xi ezempji ta` tali nuqqasijiet u jsemmi uzu ta` font differenti – ma nehhewx il-kuluri minn gewwa l-logo – u gie ndikat li mudell jigi b'certi kuluri meta dan ma kienx minnu. Huwa jispjega li kien jikkorrispondi mas-socjeta` attrici u jindikalhom l-izbalji tramite l-emails li jinsabu ezebiti u mmarkati Dok. EB 3 sa Dok. EB 9. Jidher li l-ahhar zewg emails intbaghatu nhar it-18 ta` Jannar, 2007, dik tal-konvenut fil-hin 13.42 fejn baqa` jindika li ma kienx ghal kollox kuntent mija fil-mija fuq l-advert u kien qed jipprova jaqbadhom bit-telephone biex jispjega ahjar filwaqt li l-ahhar email hija dik mibghuta mis-socjeta` attrici ftit tal-hin wara cioe` 14.13 (nofs siegha) fejn ammettiet l-advert u avzat lill-konvenut li ma kienx ser ikun ammess tibdil ulterjuri. Dan l-email pero` jikkontjeni wkoll speci ta` apologija talli kienet qed tintbaghat tard. Ma jidhirx li kien hemm risposta ghal din l-ahhar email li rcieva l-konvenut u kwindi s-socjeta` attrici haditha li dawn gew approvati mill-konvenut fis-silenzju tieghu ghalkemm ma kienx hemm wisq aktar x'seta` jghid il-konvenut la darba l-atturi qalulu "This is the last change", hlief dik li jikkancella ghal kollox l-ordni – decizjoni li jidher li baqa` ma hax u kwindi halla r-reklami tieghu jibqghu jigu ppubblikati kif ikkomunikati lilu bhala "attachments".

Illi fl-istess hin pero` jigi notat li s-socjeta` attrici stess skuzat ruhha talli kienet qieghdha tibghatlu l-"attachments" tardivament u kwindi ma hallietlux wisq hin biex jirranga dak li kien fadal x'tirranga. Barra minnhekk, it-Tribunal isib li l-konvenut kien kredibbli meta afferma li huwa pprova jikkuntattja lis-socjeta` attrici bit-telephone

minghajr ebda ezitu. Illi ghalhekk ta` dawn in-nuqqasijiet, it-Tribunal huwa tal-fehma li ghandu jkun ekwu u gust li anke s-socjeta` attrici ghandha terfa` ftit tar-responsabbilita` versu l-mod kif agixxiet ma` dan il-klijent taghha u ghalhekk ser jigi likwidat mit-Tribunal stess *arbitrio buon viri,* l-ammont kemm ghandha tithallas is-socjeta` attrici.

Illi ghal dak li jirrigwarda l-kap ta` l-ispejjez, it-Tribunal ma jarax li l-konvenut kien gustifikat li jaqbad u jiddeciedi minn jeddu unilateralment li ma jhallas xejn lis-socjeta` attrici tas-servizzi prestati b'mod li ma halla ebda triq ohra miftuha lill-istess socjeta` attrici ghajr dik li tintavola l-odjerni proceduri.

Ghal dawn ir-ragunijiet, it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jiddikjara li l-konvenut ghandu jigi ritenut responsabbli ghal hlas tar-reklami tieghu li dehru fuq il-magazine “The Voucher”, kwindi tillikwida *arbitrio buon viri* l-ammont talvolta dovut ghar-ragunijiet fuq moghtija fis-somma ta` mitejn u hamsin lira (Lm 250) u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma hekk likwidata fl-ammont ta` Lm 250, bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data ta` din is-sentenza u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza a karigu ta` l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------